MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 903/2007

**Talba Nru: 903/07VGD**

Joseph Celeste (Id. 707855M) f'ismu proprju u ghan-nom u fl-interess tad-ditta 'Celeste Video Rentals'.

Vs

Mahmoud Ahmed E. Arebi.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur pro et noe qed jitlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240) ekwivalenti ghal hames mija, disgha u hamsin Ewro u hames Ewro centezmi (€559.05) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' mobile

phone mibjugh u konsenjat lill-konvenut. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Awissu 2007 u bl-imghax legali mill-ittra interpellatorja kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' hames mija, disgha u hamsin Ewro u hames centezmi (€559.05), ekwivalenti ghal Lm240, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------